# Tifkiriet tal-festa fl-imgħoddi

**Kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa f'Ħad-Dingli fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija? Għaliex il-parroċċa kienet tiġbor il-qamħ mingħand il-bdiewa? Kont taf li Ħadd fuq il-festa kien isir irkant fuq iz-zuntier? Kif saret it-terħa għall-altar maġġur? Il-Bord Editorjali stieden lil PAUL ABELA jikteb dwar kif jiftakar iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli fi tfulitu u żgħożitu. Is-Sur Abela twieled Ħad-Dingli fl-20 ta' Settembru 1935 u għex f'raħal twelidu sal-1969 meta żżewweġ u mar joqgħod il-Mosta. Fil-parroċċa ta' Ħad-Dingli kien attiv f'diversi ħidmiet fosthom bħala abbati sakemm kellu tmintax-il sena, kien President tal-Azzjoni Kattolika u kien jgħin fil-ġbir għall-knisja.**

### Il-festa ta' ġewwa

Fi tfuliti u żgħożiti, il-maġġoranza tad-Dinglin kienu jieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja; fl-Ewkaristija u s-sagramenti. Naturalment, il-festa ta' ġewwa kienet teħtieġ li jkollha preparazzjoni tajba biex jingħata t-tifħir mistħoqq lil Marija Assunta. Għall-kwindiċina kien jiġi armat id-damask, u aktar ma toqrob il-festa, kien jiżdied l-armar li kellha l-knisja għal fuq l-altari.



*Is-Sur Paul Abela*

Il-funzjoni ta' filgħaxija fil-kwindiċina kienet tikkonsisti fir-reċita tar-rużarju, il-kant tal-litanija u s-Salve Regina, it-talba tal-kurunella u l-kant tal-*Ave Maria Stella*. Il-funzjoni kienet tintemm bil-barka sagramentali. Il-kor kien jikkonsisti f'dawn il-membri: Rogantino Gambin, Paul Ebejer, Nicholas Bonello, Baptist Ebejer, James Ebejer, Paul Abela, Victor Micallef u Ġużeppi Muscat. Magħhom kienu jingħaqdu xi abbatini. L-armonju kien jindaqq mis-surmast Joseph Bonello li għal ħafna snin kien imexxi l-orkestra tal-parroċċa fi żmien il-festa.

Żewġt iħdud qabel il-festa, ħafna nisa kiena jgħinu fil-ħasil tal-paviment tal-knisja, li kien jikkonsisti f'xorok għall-oqbra. Sal-1952, id-dfin f'Ħad-Dingli kien isir fil-knisja. Għall-ħasil tal-art, l-aħħar quddiesa filgħodu li s-soltu kienet tibda fl-10.00am, kienet tiċċaqlaq għal siegħa qabel biex fl-10.00am kienet tibda din il-biċċa xogħol li kienet tibqa' għaddejja sal-5.00pm. In-nisa kienu jġibu magħhom broxkijiet u xkupi tal-lanzit, waqt li t-tfal kienu jagħtu daqqa t'id fil-ġarr tal-bramel tal-ilma.



Niftakar tajjeb fl-attenzjoni li kienet tkun meħtieġa fil-ħruġ u d-dħul tal-istatwa ta' Santa Marija fin-niċċa tagħha. Kont nara liz-ziju tiegħi, Toni Abela, jaqla' xi ġebel minn mal-ħajt biex ma ssirx ħsara fl-id tal-istatwa. Il-bukketti tal-ward quddiem l-istatwa fil-festa kienu jkunu magħmula b'sengħa kbira bl-użu tal-warda sempreviva. Normalment il-familji kienu jordnaw il-bukketti tal-ward għand is-Sur Vitor Micallef.

Għat-tridu kien jinġieb predikatur. L-istess għall-paniġierku fil-quddiesa l-prinċipali ta' jum il-festa. F'din il-quddiesa, kienu jitqassmu sunetti b'tifħir lill-Assunta.

**Il-festa ta' barra**

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet barra l-knisja kienet tkun il-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Santa Marija nhar il-festa. Fi tfuliti, il-purċissjoni ma kinitx twila. Kienet tgħaddi minn dawn it-toroq: San Rokku, il-Kbira (sa ħdejn l-għassa tal-Pulizija) u l-Parroċċa (sal-knisja). Mill-ħabta tal-1955 'il quddiem bdiet tinżel sa ħdejn l-iskola primarja.


*Festa Ħad-Dingli 1943*

Qabel id-dħul fil-knisja kienet titkanta s-Salve Regina u xi Innu Marjan. Meta beda jitkanta l-innu attwali, magħruf bħala l-Innu l-Kbir, għall-ewwel dan kien jindaqq mill-banda tal-Birgu. Kien ikollna bħal invażjoni ta' nies mill-Birgu. Kien introduċiehom mal-festa f'Ħad-Dingli l-kappillan Dun Ġużepp Lanzon li kien minn hemmhekk. Niftakar kienu jiġu madwar 14-il xarabank b'nies mill-Birgu f'jum il-festa, igawdu l-arja nadifa ta' fuq l-irdum u jibqgħu mal-banda sa tard filgħaxija biex jieħdu sehem attiv fil-marċ tal-aħħar, wara l-purċissjoni.

Il-festa kienet tkun mistennija minn kulħadd. In-nies kienu jżanżnu ġlekk jew libsa sabiħa u xi żarbun. L-armar ta' barra kien pjuttost fqir meta tikkumparah mal-lum. Fit-tiżjin tat-toroq, kienet tispikka ħafna l-liedna naturali. Kienu jaqtgħuha madwar ġimagħtejn qabel il-festa. Filgħaxijiet, wara l-quddiesa, rġiel u tfal kienu jinġabru fuq iz-zuntier jagħtu daqqa t'id biex tiġi miftula l-liedna u b'hekk tkun lesta biex tintrama. L-armar tal-bozoz mal-faċċata tal-knisja u t-toroq kien isir minn Ġużeppi u ibnu Karmnu Muscat. Biex jinxtegħel kienu jikru *generator* li minħabba l-istorbju li kien jagħmel kien jitpoġġa ħdejn id-Domus. In-nar tal-art u tal-ajru kien jinħadem u jitmexxa min-nies minn Ħad-Dingli stess. Niftakar b'mod partikulari s-sehem ta' membri tal-familja Bonello f'dan ix-xogħol.

Attività ewlenija ta' ġbir ta' fondi għall-festa ta' barra kienet il-fiera tal-Imnarja organizzata mill-parroċċa ta' Ħad-Dingli fil-ġonna tal-Buskett fil-lejl tat-28 u fl-għodwa tad-29 ta' Ġunju.


*Tberik tar-razzett tan-nar – Ħad-Dingli – 1949*



**Festa f'luttu… Pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Santa Marija**

Nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju 1961, il-Kappillan Dun Karm Azzopardi miet għall-għarrieda fis-sagristija tal-knisja, fl-età ta' 58 sena. Bil-festa titulari fuq l-għatba, Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi poġġa r-responsabilità tal-parroċċa f'idejn Dun George Mercieca, saċerdot ħabrieki li għal snin twal ta servizz pastorali fil-parroċċa tagħna. Hu kien jiġi fi tmiem il-ġimgħa minn Raħal Ġdid, iqarar u jiċċelebra l-quddiesa. F'Ħad-Dingli kien waqqaf l-Azzjoni Katolika. F'dik iċ-ċirkustanza, Dun George iddeċieda li l-purċissjoni f'jum il-festa tieħu l-forma ta' pellegrinaġġ bl-istatwa titulari li matulu jingħad ir-ružarju akkumpanjat minn kant Marjan. Ir-ružarju kien ingħad mis-Sur Rogantino Gambin. Il-pellegrinaġġ għadda minn dawn it-toroq: San Rokku, il-Kbira u l-Parroċċa. Nistqarr li qatt ma attendejt għal pelleġrinaġġ li sar f'daqstant kwiet u devozzjoni. Kienet okkażjoni bis-sehem tad-Dinglin kollha magħquda fit-talb lil Marija Assunta u b'solidarjetà mal-familja tal-Kappillan Azzopardi li mexxa 'l din il-parroċċa għal għoxrin sena.

**It-terħa ta' fuq l-altar maġġur**

Kienet ħolma li kellu s-sagristan Kola Abela, li dejjem xtaq jara din l-opra sseħħ. F'dak iż-żmien, f'kull quddiesa ċċelebrata fil-Ħdud u l-festi kienu jsiru żewġ ġabriet. L-ewwel waħda tissejjaħ "għas-siġġijiet" u l-oħra "għall-knisja". Fil-verità l-flus kollha miġbura kienu jmorru għall-knisja, iżda b'din id-drawwa fil-ġabra "għas-siġġijiet" kull persuna kienet tagħti 6 ħabbiet "talli tuża s-siġġu". Żewġ terzi kienu jmorru għall-bżonnijiet tal-knisja u t-terz l-ieħor kien imur għal xi proġett fil-knisja li jieħu ħsieb is-sagristan flimkien mal-voluntiera. Hekk inġabru l-ispejjeż għat-terħa ta' fuq l-altar maġġur li saret fis-snin ħamsin. Il-voluntiera li kienu joħorġu jiġbru fil-knisja kienu s-sagristan Kola Abela, John Bonello, Nazzareno Abela, Mikiel Muscat, Karmnu Muscat u jiena.



Id-disinn għat-terħa ta' fuq l-altar maġġur sar mis-Sur Nikola Bonello (eks *chargeman* fit-tarzna tal-Ammiraljat). Ix-xogħol tar-rakkmu sar mis-Sinjura Mary Lanzon. L-ispejjeż involuti għal din it-terħa kienu ta' madwar 180 lira Maltija (madwar € 420). Din kienet somma sostanzjali għal dak iż-żmien, meta tiftakar li l-paga medja ta' ħaddiem ma kinitx taqbeż is-sitt liri maltin (madwar €14) fil-ġimgħa.

**Il-ġabra u l-irkant tal-qamħ**



Kienu jsiru żewġ ġabriet kbar għall-festa. Minn xahar qabel, il-kappillan kien idur id-djar kollha jiġbor offerta fil-ġabra magħrufa bħala l-albural tal-festa. In-nies kienet tkun imħeġġa biex tkun ġeneruża fl-għotja tagħha.

Niftakar sewwa wkoll li kif spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija, fi żmien il-Kappillan Dun Karm Azzopardi, kienet issir ġabra oħra, li kienet tissejjaħ "tal-qamħ" b'risq il-festa ta' ġewwa ta' Santa Marija. Din kienet issir lejn l-aħħar ta' Lulju billi normalment sa dak iż-żmien il-qamħ kien ikun inġabar minn fuq il-qiegħa, li fuqha ikun midrus bil-bhejjem, imderri sewwa meta r-riħ ikun jippermetti u magħrbul tajjeb, speċjalment jekk ikun se jittieħed fil-mitħna biex isir dqiq.

Peress li f'Ħad-Dingli kien hemm numru mdaqqas ta' familji bl-għelieqi, waqt din il-ġabra partikulari, ħafna mill-bdiewa kienu joffru ammont ta' qamħ minflok offerta ta' flus.

Erba' gruppi ta' voluntiera kienu joħorġu jiġbru. Kull grupp kien iffurmat tal-anqas minn żewġ bdiewa armati tajjeb bi xkejjer fuq il-karettun tal-ħmara. Kienu jħabbtu bieb bieb għall-qamħ, fit-toroq li jkunu assenjati għalihom. Żewġ gruppi kienu jduru d-djar fir-raħal, grupp ieħor kien idur l-irziezet n-naħa tal-Bukett u l-grupp l-ieħor idur lill-bdiewa fl-għelieqi ta' Misraħ Suffara, Wied Ħażrun u jasal kważi sal-Imtaħleb. Il-qamħ kien jinġabar fl-ixkejjer u jitgħabba fuq il-karettun. L-istess voluntiera kien ikollhom borża żgħira għal min jagħti xi donazzjoni ta' flus minflok il-qamħ.



L-ewwel Ħadd ta' wara l-festa, filgħaxija, kien isir l-irkant tal-qamħ. Fuq iz-zuntier kienet tinfirex inċirata kbira, daqs ta' 4 metri b'4 metri. Il-qamħ kollu kien jerġa' jiġi magħrbul f'għarbiel tond b'diametru ta' madwar metru. Imbagħad kien jiġi mkejjel tomna tomna biex jitqiegħed fi xkejjer li kienu jesgħu 4 tomniet. Din kienet tissejjaħ wejba qamħ.

Meta kollox kien ikun imqiegħed wejba wejba, kien ikun hemm persuna li jmexxi l-irkant tal-qamħ. Niftakar f'dan l-inkarigu lil Franġisku Gauci u lil Carmelo Saliba. Kont niggosta l-uċuħ ta' dawk interessati li jixtru, bdiewa Dinglin li jrabbu l-bhejjem, jaħsbuha sew qabel jgħollu l-prezz bl-offerta tagħhom f'dan l-irkant. Xi drabi l-qamħ kien saħansitra jinxtara minn bidwi wieħed. Drabi oħra kien jinxtara minn aktar, billi dak li jkun offra l-aħjar prezz ma jkunx irid jieħu l-qamħ kollu.

Kif jispiċċa l-irkant, il-qamħ kien jitgħabba fuq il-karettuni biex jittieħed fl-irziezet ta' dawk li jkunu rebħu d-dritt li jeħduh għax offrew l-aħjar prezzijiet. Dan naturalment isir wara li jkun tħallas l-ammont ta' flus offrut, quddiem il-ġemgħa li kienet tassisti għall-irkant.

Kull meta toqrob il-festa ta' Santa Marija, din l-esperjenza għadha ġġibli ħafna nostalġija, tal-qlub ġenerużi tad-Dinglin.